MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 597/2001/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Alfred Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess Korporazzjoni attrici s-somma ta' mitejn u tnejn u sittin lira maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm262.78) rapprezentanti danni kkagunati wara hruq ta' vettura tal-konvenut f'ariel cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar s-27 ta' Settembru 2000 gewwa Triq l-Imqabba – Qrendi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tal-1 ta' Marzu 2001, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 7 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi kontra ghal dak li qed tallega il-korporazzjoni attrici d-danni ma gewx kagunati mill-konvenut;
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-konvenut mhuwiex il-legittimu kuntradditur stante li l-vettura in kwistjoni kienet fid-data tal-allegat incident diga mibjugha u fil-pussess ta' terzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, skond kif xehed <u>Victor Cini</u> prodott mill-Korporazzjoni attrici (fol 14 et seq ibid) fis-27 ta' Settembru tas-sena' 2000, hu kien gie informat li kien hemm hsara f'aerial cable sitwat fil-Qrendi. Meta wasal fil-post, hu nnota li kien hemm xarabank li kienet mahruqa, kolha kemm hi, u bhala konsegwenza tan-nar, linji tal-elettriku li kienu fil-vicinanzi tal-istess incident kienu gew danneggjati, skond kif diskritt fl-istess xhieda. Minhabba hekk, ittiehdu l-misuri kollha necessarji sabiex jitnehha kull periklu kif ukoll sabiex il-provvista ta' kurrent elettriku setghet titkompla lill-konsumaturi. Dwar l-istess danni, ix-xhud esebixxa <u>prospett</u> taghhom (ara fol 17 ibid) liema danni kienu jammontaw ghal Lm289. L-istess xhud inoltre esebixxa kopja tar-<u>rapport</u> tal-Pulizja, dwar l-istess incident (fol 19 sa fol 21 tal-istess atti kif ukoll fol 52 sa fol 54 ibid). Minnu jidher illi, fuq il-post kien gie certu Alfons (Fonzu) Abela u kien informa lill-Pulizja illi x-xarabank in kwistjoni kienet nbieghet lil Filippa D'Amato izda din, da parti taghha kienet qalet lill-Pulizija illi l-istess xarabank ma kienitx taghha izda ta' Alfred Abela li fuqu kienet registrata. Difatti dan kien stqarr illi kien hemm ftehim ta' tpartit ma' Philippa D'Amato bejn istess xarabank u tlett garaxxijiet. Pero kien jidher Philippa D'Amato ma rieditx u ma xtaqietx illi dan l-ftehim isehh. Difatti hi kienet qalet lil

Alfred Abela sabiex jiehu x-xarabank lura minn fejn dan kien jinsab. L-istess Abela kien stqarr illi, gurnata qabel dan l-incident, Philippa D'Amato kienet, permezz ta' telefonata, tkellmet ma' martu u qaltilha "Ghadkom ma mortux ghax-xarabank. X'qed tistennaw li jaharqilkom".

Ikkonsidrat

Illi dwar l-kwistjoni tal-propjeta u appartenenza tal-istess xarabank li inharaq gew prodotti diversi provi cjoe:-
a) Victor Spiteri bhala "chairman" tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Publiku (fol 29 esebixxa skrittura privata datata t-28 ta' Settembru 1994 u permezz taghha jidher li l-konvenut flimkien ma martu kien obbiga ruhu li jixtri l-istess xarabank (ara fol 30 sa fol 33 ibid).
b) In-Nutar Antoine Agius (fol 58 sa fol 61 ibid) irrefera ghall-konvenju u esebixxa l-istess dokument, datat it-13 ta' Settembru 2000 bejn il-konvenut u 'certu d'Amato" cjoe John u Filippa D''Amato jew Damato u permezz tieghu il-konjugi Damato assenjaw lil Alfred Abela u martu li qed jakkwistaw tlett garaxxijiet u in kontro kambju l-istess konvenut u martu qed jassenjaw lill-konjugi Damato ix-xarabank numru DBY416.
c) Francis Debono, skrivan mal-istess Assocjazzjoni (fol 72 et seq ibid) sabiex jixhed anke permezz ta' dokumenti pagamenti li saru lill-konvenut, bhala l-ahhar wiehed u l-ewwel pagament li sar lil Filippa Damato.
d) L-istess Filippa Damato jew D'Amato (fol 82 et seq ibid) li sostniet li x-xarabank numru DBY 416 u li kien inharaq ma kienx taghha u li, kontrajament ghal dak imnizzel fuq id-dokument a fol 71 ibid, hi ma kellha tircevi l-ebda pagament permezz ta' "cheque" minghand l-Assocjazzjoni imsemmija. Sussegwentement, pero, hi ammettiet li kienet akkwistat, ma zewgha, l-istess xarabank, li pero', kellu hafna hsara u ttiehed, ghand mekkanik, mill-konvenut. Kien hawnhekk, ghand dan il-mekkanik, li x-xarabank inharqet. Hu interessanti li jinghad, illi hi spjegat x'kienet ir-raguni effettiva l-ghala xarabank b'hafna hsara kien gie akkwistat minnha u minn zewgha cjoe l-permess relattiv utili sabiex seta jigi ottenut xarabank gdid, importat minn barra minn Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi mekkanik, John Magro (Fol 43 et seq ibid) gie prodott u xehed illi l–konvenut u "Lippa" kien gabulu xarabank u sab li dan kellu "… hafna hsara" fil-magna li "… kienet waslet fl-ahhar u ma setghetx tigi rrangata". L-istess xarabank kien dan vicin fejn jesercita s-sengha tieghu ghal madwar hmistax-il jum" sakemm, filfatt, sehh in-nar in kwistjoni meta x-xhud kien, pero' imsiefer. Sussegwentement kien ittiehed l'hemm mill-istess "Lippa".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 69 et seq ibid) beda billi sostna illi x-xarabank kien filfatt, bieghha lil Filippa Damato "xi xahar qabel l-incident". Dwar l-istess xarabank hu sahaq li ma kienx jaf "… minn ha ix-xarabank hemmhekk" b'referenza ghall-post fejn ha n-nar. Dwar l'hekk imsejjah "transfer" li, skond il-ligi "in materia" u bhala regola hu rikjest sabiex jsir trasferiment ta' proprjeta ta' vettura dan kien gie effettwat fl-Ufficju tal-Licenzji, madwar tlett xhur wara l-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi a basi tal-provi kif esposti, din il-Qorti qed tigi mistiedna sabiex tikkudanna lill-konvenut li jhallas l-ammont mitlub fl-avviz in esami rappresentanti d-danni u hsarat kagunati fil-"cable" hawn imsemmija. Dwar dan, pero, jridu jigu konsiderat is-segwenti:-

a) Mill-istess provi, u mill-esami taghhom ma jidhirx li ngiebet ebda prova jew provi sabiex jintwera, b'mod car, li n-nar in kwistjoni, kien risultat jew ta' att doluz jew ta' att jew ommissjoni da parti tal-istess konvenut li jikkwalifika u jinkwadra ruhu taht dak li jinghad fl-artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodici Civili u li jirregolaw ir-responsabilta civili in rigward danni delittwali. Dwar dan il-punt ghandu jigi sottolineat illi prova ta' fatt tinkombi, fuq minn jallegah u minn dan il-lat, il-provi huma manifestament insufficjenti sabiex jista' jigi konklus illi l-konvenut kien responsabbli, f'

ghajnejn il-ligi, ghall-origini tan-nar li haraq ix-xarabank in kwistjoni bid-danni u hsarat kollha konsegwenzjali.

b) Jigi rilevat illi kien jkun opportun illi jingiebu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti ir-risultanzi tal-inkjesta magisterjali nzammet f’dan il-kaz kif ukoll il-provi u relazzjonijiet ta’ esperti li gew prodotti u esebiti fl-istess inkjesta.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl u fl-isfond ta’ dak premess, il-konvenut ma jistax jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident.

Ikkunsidrat

Illi ghandu jigi ritenut “obiter” illi mill-istess provi u sad-data tal-istess incident, jidher li l-konvenut kien ghadu propjetarju tal-istess xarabank minhabba li ma kienx ghadu gie effettwat it-“transfer”, skond il-ligi tal-istess vettura.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti waqt li tilqa’ l–ewwel eccezzjoni, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------